**27 ta' Novembru, 1961**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Carmela Sciberras

*versus*

Vincenzo Vella

**Delegazzjoni — Rendikont — Preskrizzjoni — Eżekuzzjoni ta' Kuntratt — Art. 256 u 251 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Min jaċċetta d-delegazzjoni li jħallas, bil-prezz li jżomm għandu tal-bejgħ ta' stabili li hu jkun xtara, id-djun ipotekarji tal-venditur, hu obligat jirrendi kont lill-venditur ta' kif nefaq dik is-somma u x'bilanċ baqagħlu f'idejh, jekk baqgħalu. Il-preskrizzjoni tal-azzjoni tal-venditur għal dan ir-rendikont hija ta' ħames snin minn meta tispiċċa l-amministrazzjoni tax-xerrej delegat; u għalhekk din il-preskrizzjoni ma tibdiex tiddekorri sakemm huwa ma jkunx adempixxa dik id-delegazzjoni.*

*Jekk ikunu għaddew aktar minn tliet snin minn meta sar il-kuntratt li fih saret id-delegazzjoni, ma hix meħtieġa l-awtorizzazzjoni tal-Qorti biex il-venditur jaġixxi għal dan ir-rendikont.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina li bih l-attriċi, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija il-provvedimenti opportuni, premess li b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Giuseppe Sammut tal-25 ta' Frar 1946 il-konvenut kien xtara minn għand l-attriċi r-remissa f'Birkirkara, Naxxar Road numru 29, bil-prezz ta' £300; liema prezz ix-xerrej konvenut kien żamm f'idejh biex iħallas debiti ipotekarji tal-venditriċi attriċi, kif jidher mill-kopja tal-kuntratt markata dokument "A" annessa maċ-ċitazzjoni; u premess li l-konvenut, interpellat anki permezz ta' ittra uffiċjali biex jirrendi l-kontijiet tal-pagamenti li huwa għamel, irrifjuta li jagħmel dan; talbet li din il-Qorti tistabbilixxi lill-istess konvenut iż-żmien li fih għandu jirrendi l-kontijiet tal-pagamenti, skond l-obligazzjoni minnu assunta bl-imsemmi kuntratt. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tas-6 ta' Novembru 1960;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-12 ta' April 1961, li biha laqgħet it-talba tal-attriċi u tgħat lill-konvenut tmientax il-ġurnata żmien; bl-ispejjeż kontra tiegħu; wara li kkunsidrat;

- B'att publiku tal-25 ta' Frar 1946 (dokument fol. 5) l-attriċi ddelegat lill-konvenut biex iħallas debiti ipotekarji tagħha bis-somma ta' £300 li baqgħet f'idejgħ, rappreżentanti l-prezz ta' stabili trasferit minnha bl-istess att lill-konvenut, kif jingħad fiċ-ċitazzjoni;

Il-konvenut ma rrendiex lill-attriċi l-kontijiet riferibbli għad-delega fuq imsemmija, u jidher "prima facie" li hu fadallu bilanċ mill-ammont fuq riferit;

Rat in-nota li biha l-konvenut appella minn dik is-sentenza, u l-petizzjoni tiegħu li biha talab li tiġi revokata, u t-talba tal-attriċi tiġi miċħuda u tiġi milqugħa l-eċċezzjoni tiegħu; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attriċi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat l-ewwelnett, fuq l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-appellant;

Bil-kuntratt in kwistjoni l-appellant żamm f'idejh il-prezz kollu tal-bejgħ, ċjoè £300, biex bihom iħallas debiti ipotekarji tal-appellata; u dan b'delegazzjoni tagħha. Mill-provi li saru f'dan il-proċess ma tirriżultax stabbilita l-allegazzjoni magħmula fil-petizzjoni tal-appell illi dejn ipotekarju kontra l-appellata kien hemm wieħed biss u dan kellu jkun soddisfatt bil-£100 (parti mit-£300) li l-appellant dak inhar stess tal-kuntratt iddepożita għand in-Nutar Dottor Giuseppe Sammut (fol. 13). Issa, il-preskrizzjoni eċċepita mill-appellant skond l-art. 2262, hi ta' ħames snin minn dak inhar li tispiċċa l-amministrazzjoni. Mill-provi li saru dan ma jistgħax jingħad li ġara fil-każ preżenti; għaliex, kif ġa ntqal, l-appellant ma ppruvax illi hu ħallas fil-limiti tal-prezz li żamm f'idejh id-debiti ipotekarji kollha li kellha l-appellata. Mill-imsemmija riċevuta ma jirriżultax l-appellant x'għamel bil-£200 li hu kien għad baqgħalu f'idejh; u sakemm ma jippruvax illi ma kienx hemm djun oħra ipotekarji tal-appellata li seta' jħallas b'dawk il-flus li żamm, ma jistgħax jingħad illi hu adempixxa d-delegazzjoni li tagħtu l-appellata bil-kuntratt;

Għalhekk, il-preskrizzjoni ma bdietx tiddekorri, u l-eċċezzjoni sollevata mill-appellant hija miċħuda bl-ispejjeż kontra tiegħu;

Ikkunsidrat;

It-tieni sottomissjoni tal-appellant hi illi d-domanda, kif formulata, tammonta għal mod ta' eżekuzzjoni tal-kuntratt tal-bejgħ, u għalhekk billi għaddew aktar minn tliet snin minn meta seta' jiġi eżegwit, kienet teħtieġ l-awtorizzazzjoni għall-eżekuzzjoni. Din is-sottomissjoni hi preżumibbilment bażata fuq l-art. 256 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 15). Issa, l-ewwelnett, l-imsemmi artikolu jirriferixxi għat-titoli eżekuttivi msemmija fl-art. 251, li minnu, dak li jista' jkun b'xi mod rilevanti għall-każ preżenti, hu l-paragrafu (b). Dan il-paragrafu jirrendi titolu eżekuttiv il-kuntratt publiku "meta huwa dwar dejn ċert, likwidu, u li għalaq, u ma jkkonsistix

f'eżekuzzjoni ta' fatt. Hi ħaġa manifesta illi, in kwantu jirrigwarda d-delegazzjoni magħmula lill-appellant, li hi l-oġġett ta' din il-kawża dak il-paragrafu ma japplikax. Jekk xi ħaġa, dik id-delegazzjoni kienet timporta eżekuzzjoni ta' fatt li hi espressament eskluża minn dak il-paragrafu;

Fit-tieni lok, id-domanda tal-attriċi f'din il-kawża ma tammonta bl-ebda mod għall-eżekuzzjoni kontemplata fl-imsemmi art. 256. Dan l-artikolu jirriferixxi ovvjament għall-eżekuzzjoni b'xi wieħed mill-mezzi msemmija fl-art. 274, li jagħmel riferenza għall-art. 251, li miegħu hu marbut l-imsemmi art. 251. Ir-rendiment ta' kont mhux wieħed minn dawk il-mezzi ta' eżekuzzjoni;

Fl-aħħarnett, l-appellant issottometta illi d-domanda tal-appellata ma tistgħax treġi kif inhi, għaliex mill-provi li saru ma jirriżultax li kien hemm xi debiti ipotekarji li kellhom jiġu mħallsa minnu. Ir-risposta għal din is-sottomissjoni hi illi hu preċiżament għal dik ir-raġuni li jeħtieġ ir-rendikont. L-appellant żamm f'idejgħ il-flus tal-prezz biex bihom iħallas id-djun ipotekarji tal-appellata. Dan kien jimponi l-obligu fih li jara x'debiti kien hemm. Dawk li kien hemm kellu jħallashom fil-limiti tal-flus li kellu f'idejgħ. Jekk kien baqgħalu xi bilanċ, kellu jħallsu lill-attriċi. Il-kont hu meħtieġ, biex juri li l-appellant qeda' l-mandat mogħti lilu u jagħti sodisfazzjon lill-appellata kif iddispona mill-flus li hi ħallietlu f'idejgħ;

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-appellant. Iż-żmien mogħti mill-Ewwel Onorabbli Qorti jibda jgħaddi mil-lum.